

Rikors ipprezentat fis-7 ta' Lulju 2021 – Crédit agricole and Crédit agricole Corporate and Investment Bank vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-386/21)**

(2021/C 338/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Crédit agricole SA (Montrouge, Franza), Crédit agricole Corporate and Investment Bank (Montrouge) (rappreżentanti: D. Beard, Barrister, u C. Hutton, Solicitor)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla kompletament jew parzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' April 2021 [C(2021) 2871];
- tannulla kompletament jew parzjalment il-multa imposta bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' April 2021 [C(2021) 2871];
- tordna lill-Kummissjoni Ewropea tieġu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, konformement mal-Artikolu 266 TFUE;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tbatli l-ispejjeż tar-rikorrenti għall-istadji kollha sussegwenti ta' dawn il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvolkaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żbalji ta' liġi u ta' fatt, billi kkonstatat li r-rikorrenti pparteċipaw fi ksur minħabba l-għan uniku u kontinwu:
 - il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi u fil-fatt meta ddikjarat li l-allegati kategoriji ta' aġir marbuta mal-iskambju ta' informazzjoni kienu jikkostitwixxu ksur minħabba l-għan li jista' jikkarakterizza ksur uniku u kontinwu;
 - il-Kummissjoni ma wettqitx l-analiżi meħtieġa sabiex tikkonkludi li hemm ksur minħabba l-għan fir-rigward tal-allegati kategoriji ta' aġir marbuta mal-koordinazzjoni.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żbalji ta' liġi u ta' fatt, billi kkonstatat li r-rikorrenti pparteċipaw fi pjan komprensiv u li din l-allegata parteċipazzjoni kienet kontinwa:
 - il-Kummissjoni ma pproduċietx il-prova li r-rikorrenti pparteċipaw fi pjan komprensiv jew kienu jafu bl-eżistenza ta' tali pjan;
 - il-Kummissjoni ma pproduċietx il-prova li r-rikorrenti pparteċipaw fi pjan komprensiv jew kienu jafu bl-eżistenza ta' tali pjan.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi billi ppreżumiet jassumi li t-tieni rikorrent kien jaf b'ċerta informazzjoni:
 - il-Kummissjoni wettqet żbalji ta' liġi u ta' fatt billi ppreżumiet li l-operaturi tas-suq kienu jafu bl-informazzjoni kollha ppubblikata f'forum ta' diskussjoni ta' Bloomberg sempliċement billi daħlu f'dak il-forum. Konsegwentement, il-Kummissjoni jew interpretat ħażin il-ġurisprudenza eżistenti jew estendiet b'mod eċċessiv l-applikazzjoni tagħha.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' fatt u ta' liġi billi kkalkulat l-ammont tal-multa:
- il-Kummissjoni indebitament tbiegħdet mil-linji gwida tagħha għall-kalkolu tal-multi billi ma ddeterminatx il-valur tal-bejgħ abbażi tal-aħħar sena sħiħa ta' parteċipazzjoni fl-allegat ksur;
 - il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali billi stabbiliet il-koeffiċjent ta' deterrent speċifiku;
 - il-Kummissjoni indebitament tbiegħdet mil-linji gwida tagħha għall-kalkolu tal-multi billi ma użatx l-aħjar data disponibbli biex tikkalkula l-valur tal-bejgħ;
 - il-Kummissjoni wettqet żbalji ta' evalwazzjoni billi eżaminat il-gravità tal-ksur u ċ-ċirkustanzi attenwanti;
 - il-Kummissjoni wettqet żbalji ta' fatt manifest fl-evalwazzjoni tagħha tat-tul tal-allegat ksur.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2021 – Société générale et vs CRU

(Kawża T-387/21)

(2021/C 338/43)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Société générale (Pariġi, Franza), Crédit du Nord (Lille, Franza) u SG Option Europe (Puteaux, Franza) (rappreżentanti: A. Gosset-Grainville, M. Trabucchi u M. Dalon, avukati)

Konvenut: Conseil de résolution unique

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- skont l-Artikolu 263 tat-TFUE, tannulla d-deċiżjoni Nru SRB/ES/2021/22 tal-14 ta' April 2021 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* dovuti lis-SRF safejn tikkonċerna lir-rikorrenti;
- skont l-Artikolu 277 TFUE, tiddikjara d-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament SRM, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni u tar-Regolament Delegat bħala inapplikabbli:
 - l-Artikoli 69(2), 69(2), 70(1) u 70(2)(a) u (b) tar-Regolament SRM;
 - l-Artikoli 4(2), 6 u 7 kif ukoll l-Anness I tar-Regolament Delegat;
 - l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tmien motivi, li huma, essenzjalment, identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-383/21, Banque postale vs SRB.
